MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Numru 41/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**

**vs**

**Redent Ciantar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Redent Ciantar**, bin Michael u Lorenza nee' Agius, detentur tal-karta tal-identita' numru 317288M;

Talli b'diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ikkomettejt reat:

Nhar it-30 ta' Ottubru 2005 bejn id-9.00 u l-10.00 ta' filghaxija waqt li kont quddiem l-istabiliment il-Bamboo li jinsab i Triq Dragonara San Giljan, ikkometterjt serq ta' telefon celulari tal-marka Samsung li l-valur tieghu jeccedi il-Lm100 izda li ma jeccediex Lm1000 u dan ghad-detriment ta' Jessica Cassar mill-Pieta, liema serq huwa aggravat bil-hin u l-valur u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijijet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kax kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9;

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda serq ta' telefon celulari, li meta ttiehdilha, li kien jappartjeni lil persuna li kienet fil-kumpanija tal-imputat u xi hbieb tieghu. Minn indagini li ghamlet il-Pulizija, saret taf li dak il-lejl stess l-imputat kien ghamel kuntatt ma' persuna ohra u offrielu bejgh ta' telefon bil-prezz ta' Lm30. Dan il-bejgh fil-fatt sehh u gimgha wara dan reggha bieghu ghal Lm60 bil-konsegwenza li kienu ittiehdu passi ukoll kontra dan il-persuna. Dan il-kaz beda wara li omm id-derubata kienet ghamlet rapport lill-pulizija li bintha kienet tilfet it-telefon x'imkien gewwa Paceville. Ronnie Mckay xehed li hu ghamel indagini u skopra li l-telefon kien hadu l-imputat izda ix-xhieda tieghu mhix ser tkun konsiderata mill-Qorti ghaliex hija biss *detto del detto*. Id-derubata xehdet li dakinhar kienet Paceville u l-imputat u shabu stidnuha biex tmur maghhom izda ma rieditx meta allura hadilha l-basket biex jikkonvinciha. Meta raddilha lura l-basket

innutat li t-telefon ma kienx hemm. Kevin Scerri xehed li hu kien xtara telefon minghand l-imputat bil-prezz ta' Lm30 u jahseb li kien jappartjeni lill-kwerelanta. Meta staqsieh minn fejn kien gej it-telefon, l-imputat wiegbu li ried ibieghu u l-ghada ghaddielu ukoll ic-*charger* tieghu. Wara li beda juza dan it-telefon, kien bieghu u sussegwentement baghtet ghalih il-Pulizija.

Dawk kienu il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

Minn ezami ta' dawn il-provi jirrizulta li d-derubata kienet ghamlet rapport li "tilfet il-mobile phone taghha x'imkien gewwa Paceville" (ara okkorrenza Dok CA2 fol 16 u 17). Huwa minnu li Kevin Scerri kien xtara telefon minghand l-imputat izda dan kien xtrah akkumpanjat bic-charger tieghu u d-derbuata qatt ma xehdet li insterqilha ukoll ic-charger. Il-prezunta derubata qatt ma ddeskriviet it-telefon taghha u wisq anqas Kevin Scerri ma ddeskriva it-telefon li xtara minghand l-imputat – dan setgha kellu diversi karatteristici, apparti l-mudell, bhal kulur tieghu u ohrajn li setghu jitfghu dawl fuq jekk ahniex qed nitkellmu almenu fuq l-istess tip ta' telefon. Il-prosekuzzjoni anqas ma ressqet il-prova ta' kemm jiswa dan it-telefon.

Illi ghalhekk kawza ta' insufficjenza gravi fil-provi, il-Qorti mhix qed issib lill-imputat hati u qed tilliberah mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------